## 27 ta' Frar, 1950

**Imħallfin :**

**Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.***
**L-Onor Dr. L.A. Camilleri, LL.D.**
**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.**

**Maria Pace Axiak *versus* Paolo Pace Axiak**

### Separazzjoni Personali — Alimenti — Mara — Diżokkupazzjoni tar-Raġel.

*Ir-raġel mhux eżonerat mill-obligu tiegħu li jagħti l-alimenti lil martu u lil uliedu billi huwa jkun diżokkupat u għax ma għandux mezzi biżżejjed biex jagħti dawk l-alimenti, meta huwa kapaċi jagħmel xi xogħol li bih huwa jista' jipprokura dawk il-mezzi.*

*Lanqas ma huwa eżonerat minn dak l-obligu billi l-mara tkun qiegħda taħdem u tagla' biex tgħix u tmantni lill-uliedha; għax il-mara mhix obligata taħdem biex tgħix u tmantni l-familja meta r-raġel jista', iekk irid, ma jibqax diżokkupat u jibda jagħmel xi xogħol li jirrendilu biżżejjed biex imantni l-familja.*

*Il-dmir tal-mara huwa biss dak li tikkontribwixxi, jekk tkun tista', għall-manteniment tal-familja meta r-raġel mingħajr ebda ħtija ma jkunx jista', waħdu, jaħseb għal dan il-manteniment.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni nru. 849/49 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi b'sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fl-4 ta' Marzu 1939 (dok. B) fil-kawża "Maria Pace Axiak vs. Dr. John F. Gouder et. ne." (dok. A) il-konvenut ġie kundannat iħallas lilha s-somma ta' £127. 6. 6 fil-każ li ma jagħtix lura l-oġġetti hemm indikati fiż-żmien lilu mogħti—ħaġa li huwa qatt ma għamel; u illi b'sentenza oħra mogħtija fl-14 ta' Frar 1939 (dok. C) fl-istess kawża u mill-istess Qorti, il-konvenut ġie kundannat iħallas lilha £305 bilanċ ta' flus li kien issellef minn għandha u ħadilha; u fiż-żewġ każi bl-ispejjez ġudizzjarji; u illi għaddew aktar minn tliet snin mindu dawk is-sentenzi ġew mogħtija; u illi l-konvenut mhux qiegħed igħaddi lilha u lil binha Giuseppe l-alimenti u abbandunahom; talbet li tiġi awtorizzata teżegwixxi ż-żewġ sentenzi fuq riferiti, sabiex tottjeni l-ħlas tal-krediti fuq indikati u l-ispejjeż tal-kawża, u t-tieni li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilha, għaliha u għal binha, pensjoni alimentarja bil-modalitajiet stabbiliti mill-Qorti. B'riżerva ta' drittijiet

ohra u bl-inghax legali min-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni u l-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tad-10 ta' **Ottubru 1949;**

*Omissis;*

**Rat** is-sentenza ta' **l-Ewwel Qorti** tal-10 ta' Diċembru **1949, fejn dik il-Qorti** iddeċediet a tenur tat-talbiet ta' l-attriċi **billi laqgħet** tant l-ewwel kemm it-tieni talba, u **kkundannat lill-konvenut** iħallas lill-istess attriċi s-somma ta' **£2. 9. 0 fil-ġimgħa** -- **£1. 8. 0 fil-ġimgħa** għall-manteniment tagħha u **£1. 1. 0 fil-ġimgħa** għall-manteniment tal-minorenni fuq imsemmi, bil-quddiem fid-dar ta' l-attriċi; wara li **dik il-Qorti kkunsidrat:**

Illi l-ewwel talba ta' l-attriċi............ hija **gustifikata per** mezz tad-dokumenti miġjubin ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni............;

Illi għar-rigward tat-tieni talba ta' l-attriċi għall-ottteniment minn għand il-konvenut, żewgħha, ta' somma ta' flus għall-alimenti tagħha u ta' binhom li għadu minuri, għandu jiġi rilevat illi s-separazzjoni bejn il-kontendenti ġiet pronunzjata għal ħtija tal-konvenut, u dan baqgħalu l-obligu naxxenti mill-kuntratt taż-żwieġ li jżomm lill-attriċi skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu. L-obligu tagħha li tikkontribwixxi għall-manteniment tal-konvenut, meta dan ma jkollux biżżejjed biex jgħix, spiċċa in forza tas-sentenza tal-14 ta' Frar 1939 (dok. fil-fol. 8). Il-konvenut huwa wkoll obligat li jmantni lill-ibnu li għadu minorenni, u li in forza tas-sentenza li ġiet indikata ġie fdat lill-attriċi. F'dan il-manteniment li l-konvenut għandu jagħti lill-ibnu jidħlu l-ikel, l-ilbies u l-abitazzjoni u l-ispejjeż meħtieġa għall-edukazzjoni tiegħu skond il-bżonn ta' l-istess iben u l-mezzi tal-konvenut;

Illi l-fatt li l-konvenut ma jippossjedix ħlief renta ta' ċirka £100 fis-sena ma jeżonerahx mill-obligu li jmantni lill-attriċi u lill-ibnu, bl-iskuża li b'dik ir-renta lanqas ma jista' jgħix deċentement huwa; il-għaliex huwa bniedem kapaċi għax-xogħol u għandu jfittex il-qliegħ mix-xogħol li huwa kapaċi jagħmel;

Illi lanqas ma jeżonerah minn dana l-obligu tiegħu l-fatt li martu hija ħajjata abbli ħafna u qiegħda taqla' minn £3 sa £4 fil-ġimgħa, u b'xogħolha kwindi tista' tikseb il-manteni-

ment tagħha u ta' binhom. Il-mara ma għandhiex tiġi kostretta taħdem biex tmantni ruħha u lill-uliedha meta r-raġel ikun jista', jekk irid, ma jibqax diżokkupat u jibda jagħmel xogħol li jirrendilu biżżejjed biex ikun jista' jmantni l-familja. Id-dmir tal-mara huwa dak biss li tikkontribwixxi jekk tkun tista' għall-manteniment tal-familja meta r-raġel, mingħajr ebda ħtija, ma jkunx jista' waħdu jaħseb għal dak il-manteniment;

Illi, avut rigward għall-bżonnijiet ta' l-attriċi u ta' l-imsemmi minorenni Giuseppe.......... u għall-ġid li jipposjedi l-konvenut u għall-qliegħ minn xogħol li jista' jaħdem, ikkunsidrata l-kondizzjoni soċjali tal-konvenut, u kunsidrat ukoll, għal dak li jista' jkun, il-fatt li l-attriċi tkun tista' mingħajr tbatija tikkontribwixxi xi ħaġa b'xogħolha ta' ħajjata, is-somma li l-konvenut għandu jħallas għall-manteniment ta' l-attriċi u tal-minuri: binha għandha tiġi ffissata fl-ammont ta' 7s. kuljum;

Rat in-nota u l-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut, fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi riformata..........;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appell huwa ċirkoskritt għar-riduzzjoni tal-pensjoni alimentarja u għat-temperament tal-kap ta' l-ispejjeż;

Illi rriżulta li l-appellant għadu kemm wiret rendita ta' £100 fis-sena, li huwa kapaċi għax-xogħol, però ma qiegħed jagħmel xejn. Dina l-Qorti rriteniet kostantement li fil-kalkolu tal-mezzi ta' min huwa obligat jagħti l-alimenti għandu jiġi meħud in konsiderazzjoni mhux biss dak li attwalment ikun qiegħed jaqla', iżda anki dak li b'eżerċizzju ta' professjoni, arti jew mestjer, ikun jista' jaqla', kif ukoll li d-diżokkupazzjoni temporanea, meta mhix akkumpanjata ma' l-inkapaċità għax-xogħol, ma teżonerax lil min hu tenut mill-obligu li jagħti alimenti (ara sentenzi ta' din il-Qorti tat-22 ta' Jannar 1932 in re "Agius vs. Agius", u tat-2 ta 'April 1937 in re "Pisani vs. Pisani", kif ukoll sentenzi hemm imsemmijin). Iċ-ċirkustanza li l-appellata hija ħajjata u taqla' minn dina l-professjoni ma tistax tiġi meħuda in konsiderazzjoni, għaliex l-ewwel dmir tar-raġel li jaħdem u jmantni l-familja, u l-profitti li l-mara tista' tagħmel għandhom ikunu sussidjarji għad-dover

tal-kap tal-familja li jagħmel il-mezzi tiegħu possibili biex jaħseb għall-martu u għal ibnu—ħaġa li l-appellant mhux jagħmel;

Li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-pożizzjoni soċjali ta' l-appellata u ta' binha minuri, minnha rappreżentat, il-pensjoni stabbilita mill-Ewwel Qorti tidher ġusta u adegwata;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, tirrespinġi l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant;